MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 349/2004

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roderick-Alex Cohen u l-istess Roderick-Alex Cohen, u b'nota tas-6 ta' Mejju, 2004, is-socjeta` Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roderick-Alex Cohen assumiet l-atti minflok is-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Andrew Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm566.45), bhala risarciment ta' danni, kwantu ghal hames mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm541.45) lil Elmo Insurance Agency Limited noe u u hamsa u ghoxrin Lira (Lm25.00) lil Roderick-Alex Cohen, minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fil-Marsa fit-28 ta' Lulju, 2003, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru FBE-761 habat mal-vettura numru FBJ-335, peropjeta` ta' l-attur Roderick-Alex Cohen u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-1 ta' Dicembru, 2003, l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-6 ta' Mejju, 2004, li biha s-socjeta` Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roderick-Alex Cohen assumiet l-atti minflok is-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc..**

**Ra n-nota prezentata mill-atturi fis-6 ta' Mejju, 2004, li biha rriducew t-talba ghall-erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm466.45) stante pagament mill-konvenut fil-mori tal-kawza.**

**Ra n-nota prezentata mill-konvenut fis-6 ta' Mejju, 2004 li biha ammetta t-talbiet attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ erba’ mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm441.45), u lill-konvenut Roderick-Alex Cohen is-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali mill-11 ta’ Frar, 2004 sal-pagament effettiv.**
**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tal-1 ta’ Dicembru, 2003, u l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali (b’notifika wahda) presentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------